

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2007/0145(COD)**

5.6.2008

## OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-kwalità fl-edukazzjoni ogħla u l-promozzjoni ta' *ftehim* interkulturali permezz ta' kooperazzjoni *ma'* pajjiżi terzi (Erasmus Mundus) (2009-2013)

(COM(2007)0395 – C6-0228/2007 – 2007/0145(COD))

Rapporteur għal opinjoni (\*): Samuli Pohjamo

(\*) <<Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_Legam

## **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

It-tieni fażi tal-programm Erasmus Mundus (2009-2013) se tkompli l-attivitajiet ta' l-ewwel programm Erasmus Mundus (2004-2008), bl-eċċezzjoni li l-programm il-ġdid jinkorpora t-Tieqa ta' Kooperazzjoni Esterna, jestendi l-qasam ta' applikazzjoni tiegħu għal-livelli kollha ta' l-edukazzjoni oġġla, u jtejjeb l-opportunitajiet ta' ffinanzjar għall-istudenti Ewropej, kif ukoll joffri possibilitajiet imtejba għall-kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Oġġla (HEIs).

Billi l-għan ewlieni tal-programm Erasmus Mundus jibqa' l-promozzjoni ta' l-“eċċellenza”, it-tieni fażi tiegħu tagħti dimensjoni ta' politika barranija lill-programm permezz tat-Tieqa ta' Kooperazzjoni Esterna. Il-fondi għal din il-parti tal-programm se jiġu minn strumenti ta' għajjuna esterna, inkluż l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u għas-Sħubija (ENPI) u l-Istrument għall-Għajjuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), li jappoġġjaw il-Politika Ewropea għall-Viċinat u l-Proċess ta' Adeżjoni, rispettivament.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin huwa l-kumitat responsabbli għall-iskrutinju demokratiku ta' l-ENPI u l-IPA, li fil-prattika jfisser li jirċievi d-dokumenti kollha ta' strateġija li huma rilevanti fl-istess ħin li jiġu trażmessi lill-Istati Membri. Il-Parlament u l-Kummissjoni mbagħad jibdeu djalogu dwar id-dokumenti ta' strateġija li l-Parlament ikun jixtieq jiddiskuti.

Il-promozzjoni ta' kuntatti bejn il-persuni, ir-riċerka, u l-iskambji edukattivi u ta' żgħażagħ huma fil-qalba ta' l-ENP u ta' l-istrateġija tat-tkabbir ta' l-UE u l-emendi jippruvaw jiżguraw li l-għajjiet ta' l-azzjonijiet rilevanti tal-programm jirriflettu l-prijoritajiet tal-politiki msemmija hawn fuq.

Madankollu, jemmen li l-politiki diffiċli dwar il-viżi li jiffaċċjaw l-istudenti ta' l-Erasmus Mundus huma ostakli kbar sabiex isir użu sħiħ mill-opportunitajiet tal-programm. Peress li l-politika dwar il-viżi hija kompetenza ta' l-Istati Membri, ir-rapporteur għal opinjoni jistieden lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jissimplifikaw il-kisba u t-tiġdid tal-viżi.

Fl-aħħarnett, ir-rapporteur għal opinjoni jemmen li hemm bżonn ċar għal koordinazzjoni aħjar ta' l-informazzjoni dwar il-programm f'pajjiżi terzi, pereżempju permezz tad-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni u ta' l-Ambaxxati ta' l-Istati Membri.

## **EMENDI**

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

## Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda

Proposta għal deċiżjoni  
Premessa 2 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(2a) Fin-negozjati dwar l-istrumenti ta' għajjnuna esterna u rigward il-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni laħqu numru ta' ftehimiet dwar l-iskrutinju demokratiku u l-koerenza ta' l-azzjonijiet esterni, stabbilti fid-dikjarazzjonijiet annessi mal-Ftehim Interistituzzjonali. Il-proċess ta' konsultazzjoni u d-djalogu mal-Parlament Ewropew se jseħħu b'mod parallel mad-drittijiet tal-Parlament skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 8 tagħha.***

---

<sup>1</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-ftehim dwar l-istrumenti ġodda ta' għajjnuna esterna (l-Istrument Ewropew għall-Viċinanzi u għas-Sħubija - ENPI, l-Istrument għall-Istabilità - IfS, u l-Istrument għall-Għajjnuna ta' Qabel l-Adeżjoni - IPA) tagħti aktar setgħa ta' skrutinju lill-Parlament Ewropew fuq l-implimentazzjoni ta' l-għajjnuna Komunitarja.*

## Emenda 2

**Proposta għal deċiżjoni  
Premessa 10 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(10a) Il-promozzjoni tal-valuri komuni Ewropej u tal-kuntatti bejn il-persuni fil-kuntast tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP), b'mod partikulari permezz ta' skambji edukattivi u ta' żgħażaġh, trid tkun fil-qalba tal-programm Erasmus Mundus, appoġġjat minn politika ta' djalogu bil-għan li jissaħħu l-isforzi ta' modernizzazzjoni u ta' riforma mill-pajjiżi msieħba fil-qasam ta' l-edukazzjoni u trid tagħti kontribut għat-titjib ta' l-għarfien tal-lingwi u l-kulturi barranin u għat-trawwim tad-djalogu interkulturali, kif ukoll għall-konverġenza mal-politiki ta' l-UE, inklużi l-Proċessi ta' Bolonja u ta' Kopenhagen. Il-mobilità ta' l-għalliema u tar-riċerkaturi hija parti essenzjali biex tiżdied il-koperazzjoni tar-riċerka bejn l-UE u l-pajjiżi tal-PEV kif ukoll biex tittejjeb l-eċċellenza, iżda huwa importanti wkoll li jittieħdu miżuri biex ikun evitat li jkun hemm it-telf ta' l-aħjar imħuħ f'dan il-qasam.**

*Ġustifikazzjoni*

*Din is-sena hija s-Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali, u l-Unjoni Ewropea għandha wkoll tagħmel użu mill-programm Erasmus Mundus biex tippromwovi t-tagħlim ta' lingwi barranin u l-familjarizzazzjoni ma' kulturi barranin kif ukoll biex jitrawwem id-djalogu interkulturali. Fl-istess ħin, għandha tkun enfasizzata l-importanza tal-progress fil-proċessi ta' Bolonja u ta' Kopenhagen u li jitħeġġu l-mobilità kif ukoll l-iskambju fost l-għalliema biex dawn jgħinu fit-titjib tal-kwalità ta' l-edukazzjoni. Fl-aħħarnett, l-enfasi għandha tkun fuq il-ħtieġa li jkun evitat it-telf ta' l-aħjar imħuħ.*

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 3 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-għan ġenerali tal-programm huwa li

1. L-għan ġenerali tal-programm huwa li

jtejjeb il-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla Ewropea u li jippromwovi d-djalogu u *l-fehim* bejn il-popli u l-kulturi permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif ukoll li *tippromwovi* l-għanijiet tal-politika esterna ta' l-UE u *għall-iżvilupp* sostenibbli ta' pajjiżi terzi fil-qasam ta' l-edukazzjoni ogħla.

jtejjeb il-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla Ewropea u li jippromwovi d-djalogu, ***il-valuri komuni Ewropej*** u *l-fehim* bejn il-popli u l-kulturi permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif ukoll li *jippromwovi* l-għanijiet tal-politika esterna ta' l-UE, ***inklużi t-trawwim u l-konsolidament tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt, kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, inkluża l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u sabiex ikun megħjun l-iżvilupp*** sostenibbli ta' pajjiżi terzi fil-qasam ta' l-edukazzjoni ogħla.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li l-aspett ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi jkun integrat fil-politiki kollha.*

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal deċiżjoni**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***da) sabiex jinkiseb bilanċ reġjonali għall-appoġġ ipprovdut għas-sħubiji ma' pajjiżi terzi, kif inhu stipulat fl-Anness.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-programm għandu jipprova jikseb bilanċ reġjonali u jappoġġja skambju edukattiv ma' reġjuni b'HEIs inqas "eċċellenti" u joffri appoġġ speċjali għal dawn ir-reġjuni.*

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal deċiżjoni**

##### **Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) b'mod partikulari, jieħdu passi sabiex jissimplifikaw il-kisba u t-tiġdid ta' viżi għall-istudenti ta' l-Erasmus Mundus;***

## Emenda 6

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) tagħrif xieraq, reklamar u segwitu fir-rigward ta' l-azzjonijiet appoġġjati mill-programm;

*Emenda*

(a) tagħrif xieraq, reklamar u segwitu fir-rigward ta' l-azzjonijiet appoġġjati mill-programm, ***u b'mod partikulari l-viżibilità tal-programm fil-pajjiżi terzi konċernati;***

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha ssir aktar enfasi fuq il-viżibilità tal-programm fil-pajjiżi terzi u fuq id-disponibilità ta' informazzjoni dwaru.*

## Emenda 7

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – paragrafu 3 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Parlament Ewropew skond il-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda u skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, b'mod partikulari l-Artikolu 8 tagħha.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ftehim dwar l-istrumenti ta' għajnuna esterna (l-ENPI, l-Istrument għall-Istabilità - IfS, u l-IPA) tagħti aktar setgħa ta' skrutinju lill-Parlament Ewropew fuq l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja. Il-proċess ta' konsultazzjoni u d-djalogu mal-Parlament se joperaw b'mod parallel mad-drittijiet tal-Parlament skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 u b'mod partikulari l-Artikolu 8 tagħha, li jgħid li l-Parlament jista' jgħaddi riżoluzzjoni jekk il-Kummissjoni tkun qabżet il-limitu tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lilha.*

## Emenda 8

## Proposta għal deċiżjoni

### Anness – Azzjoni 1 – Taqsima A – paragrafu 2 – punt j

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

j) għandhom jistabbilixxu miżata ta' struzzjoni konġunta *independentament* mill-post ta' studju nnifsu għall-istudenti fi ħdan il-programm ta' masters;

#### *Emenda*

j) għandhom jistabbilixxu miżata ta' struzzjoni konġunta *independentement* mill-post ta' studju nnifsu għall-istudenti fi ħdan il-programm ta' masters. ***L-Aġenzija Eżekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali se tnaqqas il-ħlas tal-consorzji mill-borża ta' studju ta' l-istudenti u tgħaddih lill-istituzzjoni li tikkoordina, li min-naħa tagħha tgħaddih lill-universitajiet membri skond il-ftehim tal-consorzji;***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Jekk il-ħlas tal-consorzji jinġabar mill-Aġenzija billi jitnaqqas mill-boroż ta' studju ta' l-istudenti, il-consorzji b'hekk ikunu jistgħu jaqsmu l-ħlasijiet fost l-universitajiet parteċipanti skond il-ftehim tal-consorzji. Ladarba l-universitajiet Finlandiżi u Skandinavi, li huma miżmuma bil-liġi milli jieħdu ħlasijiet għall-programmi ta' studju, m'humiex jieħdu lura l-ħlasijiet skond il-ftehim, mhux se jipparteċipaw fit-taqsim tal-ħlasijiet tal-consortia. Dan se jkun ta' benefiċċju wkoll għal universitajiet oħra.*

## Emenda 9

### Proposta għal deċiżjoni

### Anness – Azzjoni 1 – Taqsima B – paragrafu 2 – punt j

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

j) għandhom jistabbilixxu miżata ta' struzzjoni konġunta *independentament* mill-post ta' studju u riċerka nnifsu għall-kandidati għad-dottorat fi ħdan il-programm ta' dottorat;

#### *Emenda*

j) għandhom jistabbilixxu miżata ta' struzzjoni konġunta *independentement* mill-post ta' studju u riċerka nnifsu għall-kandidati għad-dottorat fi ħdan il-programm ta' dottorat. ***L-Aġenzija Eżekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali se tnaqqas il-ħlas tal-consorzja mill-borża ta' studju ta' l-istudenti u tgħaddih lill-istituzzjoni li tikkoordina, li min-naħa tagħha tgħaddih lill-universitajiet membri skond il-ftehim tal-consorzja;***



## Ġustifikazzjoni

*Jekk il-ħlas tal-konsorzja jinġabar mill-Aġenzija billi jitnaqqas mill-boroż ta' studju ta' l-istudenti, il-konsorzja b'hekk ikunu jistgħu jaqsmu l-ħlasijiet fost l-universitajiet parteċipanti skond il-ftehim tal-konsorzja. Ladarba l-universitajiet Finlandiżi u Skandinavi, li huma miżmuma bil-liġi milli jieħdu ħlasijiet għall-programmi ta' studju, m'humiex jieħdu lura l-ħlasijiet skond il-ftehim, mhux se jipparteċipaw fit-taqsim tal-ħlasijiet tal-konsorzja. Dan se jkun ta' benefiċċju wkoll għal universitajiet oħra.*

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Il-Programm Erasmus Mundus (2009-2013)	
<b>Referenzi</b>	COM(2007)0395 – C6-0228/2007 – 2007/0145(COD)	
<b>Kumitat responsabbli</b>	CULT	
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 3.9.2007	
<b>Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	13.3.2008	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Samuli Pohjamo 12.9.2007	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	1.4.2008	3.6.2008
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	3.6.2008	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 45	–: 0
	0: 2	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Monika Beňová, André Brie, Colm Burke, Philip Claeys, Véronique De Keyser, Hanna Foltyn-Kubicka, Bronisław Geremek, Maciej Marian Giertych, Ana Maria Gomes, Alfred Gomolka, Anna Ibrisagic, Ioannis Kasoulides, Maria Eleni Koppa, Helmut Kuhne, Willy Meyer Pleite, Francisco José Millán Mon, Philippe Morillon, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Baroness Nicholson of Winterbourne, Alojz Peterle, Tobias Pflüger, João de Deus Pinheiro, Samuli Pohjamo, Raúl Romeva i Rueda, Libor Rouček, Christian Rovsing, Katrin Saks, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, István Szent-Iványi, Inese Vaidere, Ari Vatanen, Jan Marinus Wiersma, Luis Yañez-Barnuevo García, Zbigniew Zaleski, Josef Zieleniec	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Badia i Cutchet, Alexandra Dobolyi, Árpád Duka-Zólyomi, James Elles, Martí Grau i Segú, Jaromír Kohlíček, Doris Pack, Rihards Ptkš, Jean Spautz, Karl von Wogau	